32005D0402

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Mejju 2005

dwar miżuri ta' emerġenza fir-rigward tal-bżar aħmar, il-prodotti tal-bżar aħmar, il-kurkuma u ż-żejt tal-palm

(innotifikata taħt id-dokument numru C(2005) 1454)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2005/402/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistipula l-prinċipji u l-ħtiġiet ġenerali tal-liġi ta' l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea tas-Sigurta ta' l-Ikel u li jistabbilixxi proċeduri fi kwistjonijiet tas-sigurtà ta' l-ikel [1], partikolarment l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Billi:

(1) Taħt ir-Regolament (KE) Nru 178/2002, il-Kummissjoni se tissospendi t-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' ikel jew għalf li x'aktarx jista' jkun ta' riskju serju għas-saħħa tal-bniedem, jew tieħu kull miżura interim xierqa meta riskju bħal dan ma jkunx jista' jiġi affrontat b'mod sodisfaċenti permezz ta' miżuri meħuda mill-Istati Membri kkonċernati.

(2) Taħt id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/92/KE dwar miżuri ta' emerġenza fir-rigward tal-bżar aħmar u tal-prodotti tal-bżar aħmar [2], l-Istati Membri wettqu verifiki għall-preżenza tas-sustanzi kimiċi Sudan I, Sudan II, Sudan III u Scarlet Red (Sudan IV). Dawn is-sustanzi nstabu fil-bżar aħmar u fil-prodtti tal-bżar aħmar, kif ukoll fil-kurkuma jew fiż-żejt tal-palm. Is-sejbiet kollha kienu nnotifikati permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-ikel u l-għalf in sewgitu għall-Artikolu 50 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002.

(3) Sudan I, Sudan II, Sudan III u Scarlet Red (Sudan IV) kienu kklassifikati bħala karċinoġeni ta' kategorija 3 mill-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanser (IARC/AIRK).

(4) Il-firxa tar-riżultati tindika adulterazzjoni li tikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa.

(5) Minħabba l-gravità tat-theddida għas-saħħa, jeħtieġ illi jinżammu l-miżuri previsti fid-deċiżjoni 2004/92/KE u li dawn jiġu estiżi għall-kurkuma u ż-żejt tal-palm. Barra minn hekk, trid titqies il-possibilità tal-kummerċ triangolari, l-aktar għal prodotti ta' l-ikel li għalihom m'hemm l-ebda ċertifikazzjoni ta' l-oriġini. Sabiex titħares is-saħħa pubblika, jixraq li jkun meħtieġ li l-konsenji ta' bżar aħmar, prodotti tal-bżar aħmar, kurkuma u żejt tal-palma importati fil-Komunità tkun xi tkun il-forma tagħhom, u li jkunu maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu akkumpanjati minn rapport analitiku pprovdut mill-importatur jew mill-operatur kummerċjali fil-qasam ta' l-ikel ikkonċernat li juri li l-konsenja ma fihiex Sudan I, Sudan II, Sudan III jew Scarlet Red (Sudan IV).

(6) Ir-rapport analitiku li jakkumpanja l-konsenji tal-bżar aħmar, il-prodotti tal-bżar aħmar, il-kurkuma u ż-żejt tal-palm għandu jkun dokument oriġinali approvat mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li jkun qed joħroġ id-dokument. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jtejbu l-garanziji offerti mid-dokument.

(7) L-Istati Membri għandhom ikunu wkoll meħtieġa jwettqu kampjunar każwali u analiżi tal-bżar aħmar, il-prodotti tal-bżar aħmar, il-kurkuma u ż-żejt tal-palm li jkun ippreżentat għall-importazzjoni jew li jkun diġà qiegħed fis-suq.

(8) Jinħtieġ li tiġi ordnata l-qerda tal-bżar aħmar, il-prodtti tal-bżar aħmar, il-kurkuma u ż-żejt tal-palm adulterati sabiex jiġi evitat li jidħlu fil-katina ta' l-ikel.

(9) Minħabba li l-miżuri previsti f'din id-deċiżjoni għandhom impatt fuq ir-riżorsi ta' kontroll ta' l-Istati Membri, ir-riżultati ta' dawn il-miżuri għandhom jiġu riveduti fi żmien 12-il xahar sabiex issir valutazzjoni dwar jekk il-miżuri jkunux għadhom meħtieġa għall-ħarsien tas-saħħa pubblika.

(10) Din ir-reviżjoni għandha tqis ir-riżultati ta' kull analiżi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti.

(11) Huma meħtieġa miżuri tranżitorji għall-konsenji ta' bżar aħmar, prodotti tal-bżar aħmar, kurkuma u żejt tal-palm importati qabel id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(12) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il- Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

[1] ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1642/2003 (ĠU L 245, 29.9.2004, p. 4).

[2] ĠU L 27, 30.1.2004, p. 52.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

a) "Bżar aħmar", frott tal-ġeneru *Capsicum*, imnixxef u mkisser jew miṫun fi ħdan il-Kodiċi NM 0904 20 90, tkun liema tkun il-forma, maħsub għall-konsum mill-bniedem u

b) "prodotti tal-bżar aħmar", trab tal-kari fi ħdan il-Kodiċi NM 0910 50, tkun liema tkun il-forma, maħsuba għall-konsum mill-bniedem u

c) "kurkuma", kurkuma mnixxfa u mkissra jew miṫuna fi ħdan il-Kodiċi NM 0910 30, tkun liema tkun il-forma, maħsuba għall-konsum mill-bniedem u

d) "żejt tal-palm", żejt tal-palm fi ħdan il-Kodiċi NM 1511 10 90, maħsub għall-konsum dirett mill-bniedem.

Artikolu 2

Kundizzjonijiet għall-importazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-importazzjoni tal-bżar aħmar, il-prodotti tal-bżar aħmar, il-kurkuma u ż-żejt tal-palm sakemm rapport analitiku oriġinali ma jurix li l-prodott ma fih ebda waħda minn dawn is-sustanzi kimiċi:

a) Sudan I (Numru CAS 842-07-9),

b) Sudan II (Numru CAS 3118-97-6),

c) Sudan III (Numru CAS 85-86-9),

d) Scarlet Red or Sudan IV (Numru CAS 85-83-6).

2. Ir-rapport analitiku għandu jiġi approvat minn rappreżentant mill-awtorità kompetenti rilevanti.

3. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom jiċċekkjaw li kull konsenja ta' bżar aħmar, prodotti tal-bżar aħmar, kurkuma u żejt tal-palm ippreżentati għall-importazzjoni jkunu akkumpanjati minn rapport analitiku kif previst fil-paragrafu 1.

4. Fin-nuqqas ta' rapport analitiku bħal dan kif previst fil-paragrafu 1, l-importatur stabbilit fil-Komunità għandu jittestja l-prodott sabiex jintwera li ma fihx waħda jew aktar mis-sustanzi kimiċi msemmija fil-paragrafu 1. Il-prodott jibqa' jinżamm taħt sorveljanza uffiċjali sa ma jkun disponibbli r-rapport analitiku.

Artikolu 3

Kampjunar u analiżi

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa, fosthom kampjunar każwali u analiżi tal-bżar aħmar, il-prodotti tal-bżar aħmar, il-kurkuma u ż-żejt tal-palm li jkun ippreżentat għall-importazzjoni jew li jkun diġà qiegħed fis-suq, sabiex jivverifikaw in-nuqqas tas-sustanzi kimċi msemmija fl-Artikolu 2(1).

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-ikel u l-għalf b'kull konsenja li jinstab li fiha dawk is-sustanzi.

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni kull tliet xhur dwar il-konsenji li ma jkunux instabu dawn is-sustanzi fihom. Dawn ir-rapporti għandhom ikunu ppreżentati qabel tmiem ix-xahar wara dak il-perjodu ta' tliet xhur.

2. Kull konsenja li tgħaddi mill-kampjunar u l-analiżi uffiċjali tista' tinżamm qabel ma tinħareġ għas-suq għal perjodu massimu ta' 15-il jum ta' xogħol.

Artikolu 4

Konsenji maqsuma

Jekk konsenja tinqasam, kopja ċċertifikata tar-rapport analitiku previst fl-Artikolu 2(1) għandha takkumpanja kull parti tal-konsenja maqsuma.

Artikolu 5

Konsenji adulterati

Il-bżar aħmar, il-prodotti tal-bżar aħmar, il-kurkuma u ż-żejt tal-palm li jinstab li fihom waħda jew aktar mis-sustanzi kimiċi msemmija fl-Artikolu 2(1) għandhom jinqerdu.

Artikolu 6

L-irkupru ta' l-ispejjeż

Kull spiża li tirriżulta mill-analiżi, il-ħażna jew il-qerda skond l-Artikoli 2(1) jew (4) u l-Artikolu 5 għandha titħallas mill-importaturi jew l-operaturi kummerċjali fil-qasam ta' l-ikel ikkonċernati.

Artikolu 7

Miżuri transitorji

1. B'deroga mill-Artikolu 2(2), għall-konsenji li jkunu ħallew il-pajjiż ta' l-oriġini qabel id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, l-Istati Membri għandhom jaċċettaw ir-rapport analitiku għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(a) u 1(b) mingħajr l-approvazzjoni uffiċjali msemmija f'dik id-dispożizzjoni.

2. B'deroga mill-Artikolu 2(1), għall-konsenji li jkunu ħallew il-pajjiż ta' l-oriġini qabel id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, l-Istati Membri għandhom jaċċettaw ir-rapport analitiku għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(c) u 1(d) mingħajr l-approvazzjoni uffiċjali msemmija f'dik id-dipożizzjoni.

Artikolu 8

Ir-reviżjoni tal-miżuri

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta sa mhux aktar tard miot-22 ta' Mejju 2006.

Artikolu 9

Revoka

Id-Deċiżjoni 2004/92/KE hija revokata.

Artikolu 10

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, nhar it-23 ta' Mejju 2005.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni